**6 ta' Frar, 1962**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A.V. Camilleri, B.Litt., LL.D.**

Onor. Emmanuele Tabone, M.L.A. ne. et.

*versus*

Onor. Imħallef Dr. Alberto Magri, B.Litt., LL.D.

**Ħajt Estern — Spejjeż ta' Tiswija — Kjamata fil-Kawża.**

*F'kawża fejn il-meritu huwa dwar l-ispejjeż tat-tiswija ta' ħajt estern, mastru jew perimetrali, li hu komuni għal diversi proprijetarji, jixraq li jkunu preżenti fil-kawża l-proprijetarji kollha tal-ħajt li jrid jissewwa; u jekk xi wieħed minn dawk il-proprijetarji ma jkunx ġie mħarrek, hemm lok għall-kjamata tiegħu fil-kawża.*

*Huwa minnu li hemm ġurisprudenza lokali alkwantu numeruża fis-sens illi l-intervent u s-sejħa fil-kawża huma ammissibbli meta l-interess ta' persuna li ma ġietx imħarrka jidher fil-kors tal-kawża, u mhumiex ammissibbli meta dak l-interess kien jidher u kien jippre-eżisti mill-bidu; però kontra din il-ġurisprudenza hemm oħra fis-sens li, meta l-persuna li tkun ġiet oriġinarjament imħarrka jkollha nteress fil-kawża, iżda barra minnha jkun hemm persuni oħra li ma jkunux ġew imħarrka mill-bidu u jkollhom ukoll interess, il-kjamata fil-kawża ta' dawk il-persuni l-oħra hija ammissibbli u doveruża; mentri jekk il-persuna oriġinarjament imħarrka ma jkollhiex interess fil-kawża, mhux leċitu li jiġu ċitati persuni oħra li ma jkunux ġew ċitati mill-bidu, non ostante li dawn l-aħħar imsemmija jkollhom interess fil-ġudizzju oriġinarjament propost kontra l-persuna li fiha huwa assenti kwalunkwe miżura ta' nteress. U din*

*l-aħħar ġurisprudenza hija aktar korretta legalment, aktar sana fil-prattika, u bil-bosta aktar konsona għall-ġustizzja sostanzjali, meta l-applikazzjoni tagħha ma tivvjolax l-istess liġi.*

*Il-kjamata fil-kawża, avolja tkun opposta mill-konvenut u ma tkunx ġiet mitluba mill-attur, tista' tiġi ordnata mill-Qorti "ex officio".*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi nomine, wara li ppremettew illi l-konvenut huwa proprijetarju tal-fond numru 48 St. Anne Square, Floriana; u peress li fi żmien il-gwerra l-ħajt estern tal-fond fuq imsemmi li jagħti għal fuq Pjazza St. Anne kellu ħsara tali li d-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi, biex jovvja għall-konsegwenzi gravi li setgħu jiġru minn dik il-ħsara, u stante ċ-ċirkustanzi u l-urġenza tal-każ, bena denfil ("buttress") biex jarġina l-perikolu u jżomm l-istess ħajt; u billi d-denfil fuq imsemmi qiegħed jingombra bla ebda titolu l-proprijetà tal-Gvern Ċivili, ċjoè parti mill-bankina fil-pjazza fuq imsemmija; u billi d-denfil fuq imsemmi ma jistgħax jitneħħa jekk ma jiġix riparat il-ħajt estern fuq imsemmi tal-fond fuq imsemmi appartenenti lill-konvenut; u billi, li kieku l-ħsara li ssemmiet ma ġietx arġinata kif fuq intqal, ix-xogħolijiet ta' riparazzjoni, tant ta' natura temporanja kemm permanenti, kien ikun responsabbli għall-eżekuzzjoni tagħhom il-konvenut, proprijetarju tal-fond fuq imsemmi li minnu jagħmel parti l-ħajt estern in kwistjoni, u għalhekk l-istess konvenut huwa l-lum responsabbli għar-riparazzjoni tal-istess ħsara u għar-rimozzjoni tad-denfil konsegwenzjali għaliha; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji, u senjatament dik li l-konvenut bħala proprijetarju tal-fond numru 48 St. Anne Square, Floriana huwa responsabbli għall-eżekuzzjoni tax-xogħolijiet ta' riparazzjoni tal-ħajt estern fuq imsemmi tal-istess fond u għar-rimozzjoni tad-denfil li qiegħed iżomm l-istess ħajt dannegġjat, salva r-relazzjonijiet interni bejn il-konvenut u l-proprijetarji tal-fondi l-oħrajn soprastanti fuq dak tal-konvenut, ir-ripartizzjoni tal-ispejjeż meħtieġa għax-xogħolijiet kollha ta' riparazzjoni u rimozzjoni tad-denfil, għat-tenur tal-art. 460 tal-Kodiċi Ċivili, u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talbu (1) li l-konve-

nut jiġi kundannat li jagħmel a spejjeż tiegħu fil-konfront tal-atturi nomine x-xogħolijiet kollha neċessarji biex jirripara l-ħsara fil-ħajt estern fuq imsemmi tal-fond tiegħu numru 48 St. Anne Square, Floriana, b'mod li jkun jista' jiġi rimoss id-denfil fuq imsemmi li qiegħed iżomm l-istess ħajt u jingombra l-proprijetà *publika*, *u li jirrimwovi* l-istess denfil; liema xogħolijiet ta' riparazzjoni u rimozzjoni jsiru taħt id-direzzjoni ta' perit nominand minn din l-Onorabbli Qorti, u fi żmien minnha prefiġġend; (2) l-istess xogħolijiet ta' riparazzjoni u rimozzjoni jsiru mill-attur nomine għas-spejjeż tal-konvenut fir-relazzjoni diretta bejn l-istess atturi u l-konvenut, taħt id-direzzjoni tal-perit *nominat kif intqal fuq, fil-każ li l-konvenut ma jeżegwix* huwa stess dawk ix-xogħolijiet fiż-żmien prefiss minn din l-Onorabbli Qorti wara l-kundanna fuq l-ewwel talba. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Mill-atti tal-kawża jidher ċar li l-ewwel kwistjoni li trid tiġi affrontata hija dik tal-eċċezzjoni preliminari opposta mill-konvenut, fejn jingħad li l-ġudizzju mhux integru mingħajr il-preżenza tal-proprijetarji tal-fondi sovrastanti għal dak tal-konvenut, *li mal-fond ta' dan l-aħħar* imsemmi għandhom ħajt komuni u li fuqu hemm kwistjoni, u li skond l-istess konvenut, peress li l-atturi nomine kienu jafu bihom minn qabel il-promozzjoni tal-azzjoni odjerna, oppona ruħu għall-eventwali kjamata in kawża tagħhom, u talab li jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Ikkunsidrat;

Illi qabel ma saret il-perizja ġudizzjarja, bla preġudizzju tal-eċċezzjonijiet, ma setgħax jiġi konstatat teknikament id-dannu li l-ħajt mastru tal-edifizju in kwistjoni kellu, u ma setgħetx tiġi aċċertata l-estensjoni ta' dak l-istess dannu. Jingħad ukoll li d-denfil ("buttress"), provviżorjament imqiegħed mill-Gvern Ċivili ħalli jilqa' l-possibbli u eventwali danni, biss apparenti għall-għajn uma-

na bla konstatazzjoni approfondita, jirriżulta li kien qabel il-kawża, u għadu attwalment imqiegħed dikontro l-ħajt mastru tal-ħanut ta' proprijetà tal-konvenut, li jikkonsisti f'kamra bħala ħanut b'bieb rażenti mal- u jagħti għall-Pjazza Sant' Anna, u soppalk sovrappost għall-istess ħanut, u li fuqhom hemm edifizju li jikkonsisti f'diversi appartamenti sovrapposti ta' proprijetarju ieħor divers mill-konvenut. Il-ħsara konstatata mill-perit ġudizzjarju fil-ħajt perimetrali jew mastru tal-edifizju in kwistjoni tikkonsisti fi ftuħ tal-wisgħa bejn pulzier u nofs u żewġ pulzieri l-barra tal-linea vertikali mill-bejt sa ħames filati l-fuq mil-linja orizzontali li taqsam il-proprijetà sovrastanti ta' proprijetà ta' ħadd ieħor minn dik tal-konvenut, barra minn nuqqas ta' konsistenza u konstatazzjoni ta' panċjar, qtugħ fit-tajn tal-fili tal-istess ħajt fejn semma l-istess perit, li kkonstata wkoll li l-parti tal-ħajt mastru imsemmi li tagħmel mal-fond tal-konvenut hija mitfugħa l-barra, imżaqqa u maħlula fil-linea diviżorja sal-bieb tal-istess ħanut;

Illi dan l-istat ta' fatt u din il-konstatazzjoni l-lum bil-perizja hija aċċertata;

Ikkunsidrat;

Illi l-azzjoni hija bażata fuq il-ħtieġa tar-riparazzjoni tal-ħajt estern tal-fond tal-konvenut u tar-rimozzjoni tad-denfil mill-parti tal-konvenut, b'riżerva lill-istess konvenut għar-ripartizzjoni tal-ispiża meħtieġa skond it-termini tal-art. 460 tal-Kodiċi Ċivili mill-parti tal-proprijetarji sovrastanti. Dan, fi kliem ieħor, jimporta ndubbjament nuqqas ta' ekonomija ta' ġudizzji u relattivi spejjeż, il-lum speċjalment li ġie aċċertat li d-danni jestendu ruħhom għall-ħajt perimetrali tal-fond tal-konvenut u tal-proprijetà sovrastanti;

Ikkunsidrat;

Illi huwa tajjeb li jingħad ukoll li l-art. 460 tal-Kodiċi Ċivili (ġa art. 199 tal-Ordinanza VII tal-1868) ma jaqbelx mal-art. 664 tal-Kodiċi Ċivili Franċiż, mal-art. 562 tal-Kodiċi Ċivili Taljan tal-1865, mal-art. Napolaetan 585,

mal-art. 514 Parmensi, mal-art. 584 Albertino, jew ta' Sardegna, u mal-art. 250 Tiċinensi, li kollha kkuntemplaw il-każ tal-istess dar bi pjani differenti appartenenti lil aktar minn proprjetarju wieħed, fejn it-titoli ta' proprjetà ma jkunux jiddeterminaw il-mod tar-riparazzjonijiet jew rikostruzzjoni; f'liema ipotesi negattiva dwar il-muri mastri, għall-istess riparazzjonijiet u spejjeż tar-rikostruzzjoni tagħhom jiddisponu li għandhom jikkonkorru l-proprjetarji kollha, jew aħjar il-komproprjetarji kull wieħed in proporzjoni tal-valur tal-pjan rispettiv; mentri skond il-liġi tagħna l-proprjetarji ta' diversi pjani jew partijiet oħra ta' edifizju għandhom jikkontribwixxu għall-ispejjeż tar-riparazzjonijiet u rikostruzzjoni li jkunu meħtieġa in proporzjoni tal-benefiċċju li minn dawk ir-riparazzjonijiet u spejjeż ta' rikostruzzjoni l-parti ndividwali, jew aħjar individwa ta' kull singolu proprjetarju komuni, tirritraji;

L-uniku artikolu tal-kodiċijiet kontinentali li jixbaħ lill-artikolu in parola tagħna huwa l-art. 549 tal-Kodiċi Estensi (tal-Istat ta' Modena), li kien jiddisponi li:— "Quando i diversi piani di una casa appartengono a più persone, se i titoli di proprietà non determinano il modo delle riparazioni e ricostruzioni devono queste farsi come segue. I muri maestri non che i tetti sono a carico di tutti i proprietari, ciascuno in ragione della rispettiva interessanza; cioè le spese di ricostruzione, riparazione e rinforzo dei muri maestri, non che d'una limitata parte di essi, devono ripartirsi in ragione dell'area o quadratura del muro o porzione di esso, determinata in altezza dal punto infimo ove s'incomincia la riparazione fino al tetto, ed in larghezza dall'estensione di quella parte di muro da riparare ed in ragione delle parziali e rispettive quadrature dell'area di muro suddetta spettante ai diversi proprietari, ecc." (ara Collezione Completa dei Moderni Codici Civili degli Stati d'Italia, con aggiuntivi, Torino 1845, Libreria della Minerva Subalpina di P.P. Giuseppe Vaccarino). Ma hemmx bżonn jingħad li l-kelma "interessanza" timplika partiċipazzjoni tal-utili, interess, u in sostanza benefiċċju;

Ta' min jinnota li, mentri l-kodiċijiet kontinentali jużaw il-kelma "casa", li huwa l-isem ġeneriku ta' kull edi-

fizju, u li l-kommentaturi jikkunsidraw bħala l-istess dar (ara Borsari Dto. Civile. commento all'art. 562 del Codice Civile Italiano del 1865), il-liġi tagħna tuża l-kelma "building" (fit-test ingliż) u "bini" fit-test malti, li huma ekwivalenti għall-kelma "edificio" tal-antik test taljan, u li jimporta l-fabbrikat, il-ħaġa edifikata, komprensiva u ġenerali ħafna in relazzjoni mas-suġġett in diskussjoni, u li tista' tikkomprendi fondi jew proprjetà ta' destinazzjoni diversa riunita f'fabbrika jew edifizju wieħed;

Illi, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, il-pertinenza tal-ħitan perimetrali jew ħitan mastri ta' edifizju hija regolata mir-regola "jus totum in toto et in qualibet parte". L-istabbilità u l-uretmija ta' edifiċċju li jappartjeni fi strati differenti tal-kostruzzjoni u altezza tiegħu lil proprjetarji diversi jirrendu l-ħitan perimetrali ta' proprjetà komuni għal dak li jirrigwarda l-fabbrikat bħala unità u "pro diviso" għal dak li jirrigwarda l-parti ta' dawk il-ħitan li jagħmlu mal-istrat individwu; u dan jitnissel minn stat ta' neċessità, li jista' jkollu oriġini minn diversi u varjati rapporti ġuridiċi. Fi kliem ieħor, il-ħitan mastri ta' edifizju huma komuni għal dak li jirrigwarda s-servizz li huma jagħtu lill-fabbrikat bħala "quid unum", mentri fir-rispett tas-singoli pjani jew strati ta' proprjetarji differenti jikkostitwixxu diviżament il-proprjetà tar-rispettivi persuni li lilhom il-pjani ndividwi jappartienu, in virtù tal-prinċipju l-ieħor ta' proprjetà li jgħid "ejus est cui prodest";

Illi, stabbilit dan il-punt, li fil-każ in diżamina jista' jkollu piż għall-kwistjoni tal-kjamata in kawża in kwantu "prima facie" juri dan il-kondominju, biex hekk insejħulu, anormali, imma neċessarju din il-Qorti sejra tgħaddi biex ulterjorment teżamina l-eċċezzjoni preliminari opposta mill-konvenut;

Illi, in sostanza, dik l-eċċezzjoni timporta li, billi l-atturi nomine kienu jafu minn qabel il-promozzjoni tal-kawża li fil-ħajt in kwistjoni kienu nteressati patrimonjalment persuni oħra, u huma naqsu milli jħarrkuhom mill-bidu tal-istanza, il-lum ma jistgħux isejħulhom fil-kawża odjerna, u għalhekk huwa għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, l-għaliex l-istess mhuwiex integru;

Illi din il-Qorti, fir-relazzjoni tal-fattijiet diġà fissret li, meta ġiet intavolata l-kwistjoni odjerna għar-rimozzjoni wkoll tad-denfil in kwistjoni, li huwa addossat għall-ħajt perimentrali tal-fond tal-konvenut biss, id-danni effettivi u l-estensjoni tagħhom ma kienetx għadha ġiet aċċertata u komunitata bil-minuzja u l-eżattezza li trid l-arti edilizja, u kwindi fl-inċertezza tal-istat tal-ħajt mastru msemmi fl-interezza tiegħu u ċ-ċertezza tad-dannu apparenti fl-istess parti ta' ħajt li jagħmel mal-fond tal-konvenut, kienet tissuġġerixxi l-proċedura li ġiet adoperata, salv il-benefiċċju ritratt mill-proprijetajiet l-oħra għall-pjani tagħhom, li dak l-istess ħajt kien jifforma l-bażi tal-parti *ndividwa li lilhom kienet tispetta, għall-finijiet tar-rivalsa* tal-ispejjeż. Imma l-aċċertament ġudizzjarju u l-estensjoni aċċertata tal-istess dannu, li sar bil-perizja nominata minn dan it-Tribunal, il-lum ma jħallix ebda ombra ta' dubju dwar l-istabbilità ta' dak l-istess ħajt perimetrali, li fir-riparazzjoni u forsi rikostruzzjoni tiegħu l-kondomini *kollha huma nteressati*; u dan l-interess fil-komunjoni tal-istess ħajt mastru tal-edifizju jew fabbrikat komuni jissuġġerixxi li kull interessat f'dik l-istess opra għandu jiġi msejjaħ fil-kawża għal ħafna raġunijiet, tant ta' indoli legali kemm ta' indoli prattika fl-isfond ta' ġustizzja sostanzjali;

Ikkunsidrat;

Illi, wara approfondament ulterjuri "in subjecta materia", u ndipendentement minn dak li fuq ġie osservat dwar l-intervent jew sejħa fil-kawża, din il-Qorti tħoss li għandha tgħid dak li sejjer jiġi hawn taħt imsemmi;

*Illi din l-istess Qorti hija a konjizzjoni tal-ġurisprudenza* lokali alkwantu numeruża li kienet tirritjeni li l-intervent u sejħa fil-kawża huma ammissibbli meta l-istess interess ta' persuna juri ruħu fil-kors tal-kawża, u mhux ammissibbli meta l-interess ta' persuna kien jidher u jippre-eżisti mill-bidu (ara Appell 30 ta' Ottubru 1950 "Strocco vs. Contini"; Appell 7 ta' Ġunju 1918 "Attard vs. Naudi"; Appell Ċivili Inferjuri 30 ta' Marzu 1936 "Galea vs. Frendo"; Appell 14 ta' Jannar 1938 "Captur vs. Dr. Felice"; Prim' Awla Ċivili 28 ta' Frar 1938 "Zammit vs. De-

battista"; Prim' Awla Ċivili 27 ta' Ġunju 1946 "Zammit vs. Agius"; Appell 2 ta' Marzu 1956 "Farrugia utrinque"; u ħafna oħrajn);

Illi kontra din il-ġurisprudenza, però, tinsab fil-Kollezzjoni, u anki fost id-deċiżjonijiet ineditı, ġurisprudenza oħra fis-sens li, meta l-persuna li tkun ġiet oriġinarjament ċitata jkollha nteress fil-kawża, iżda barra minnha jkun hemm persuni oħra li ma jkunux ġew imħarrka millbidu u jkollhom ukoll interess, il-kjamata in kawża ta' dawn il-persuni hija ammissibbli u doveruża; imma jekk il-persuna oriġinarjament imħarrka ma jkollhiex interess fil-kawża mhux leċitu li jiġu mħarrka l-persuni l-oħra li ma jkunux ġew ċitati mill-bidu non ostante li dawn l-aħħar imsemmijin ikollhom l-interess fil-ġudizzju oriġinarjament propost kontra l-persuna li fiha huwa assenti miżura ta' nteress;

Din it-teżi, fil-ħsieb kunsidrat ta' din il-Qorti, hija aktar korretta legalment u aktar sana fil-prattika, u bilbosta aktar konsona għall-ġustizzja sostanzjali, meta l-applikazzjoni tagħha ma tivvijolax l-istess liġi; u din il-Qorti tippropendi l-lum għaliha, wara li ħasbet u rat b'aktar penetrazzjoni u approfondiment il-kwistjoni. Infatti, prova ta' dan titnissel mill-argumentazzjoni li tiddixxendi legalment u loġikament mill-art. 959 u 960 tal-Kap. 15, minn fejn jidher li tant fl-intervent volontarju kemm filkjamata in kawża (intervent koatt), il-persuni li jkollhom interess f'kawża jistgħu jidħlu fiha jew jiġu msejħa, meta l-kawża tkun diretta oriġinarjament kontra persuna jew persuni li huma rikonoxxuti li għandhom interess minn min jippromwovi l-azzjoni u li l-konvenut oriġinarju ma jkunx jiddiskonoxxi; iżda ma jistgħux jidħlu jew jiġu kjamati persuni terzi f'ġudizzju meta l-konvenut, li jkun ġie oriġinarjament ċitat ma jkollux ebda nteress fl-istess ġudizzju;

Intqal li anki l-loġika ġuridika tissuffraga din l-argumentazzjoni, li tiddixxendi mill-istess liġi, għaliex jekk iċċitat oriġinarju jew premjer ma jkollux ebda nteress filkawża, bl-ammissjoni ta' persuna jew persuni oħra verament interessati f'dak l-istess ġudizzju il-Qorti tkun

qegħdha tirreintegra ġudizzju li oriġinarjament ma kellux saqajn li fuqhom seta' jieqaf legalment. Mill-banda l-oħra, huwá tajjeb li jingħad li meta ċ-ċitat oriġinarju jkun interessat fil-kawża, il-ġudizzju diġa' jkollu r-"res standi", u l-ammissjoni ta' nies oħra mhux ċitati mill-bidu, li jkollhom interess fil-kontestazzjoni, ma tkunx qegħdha twelled, biex nużaw terminu figurattiv, jew tirxorta mejjet legalment. In aġġunta jingħad li anki mil-lat prattiku-legali din il-prassi tidher li għandha tiġi favorità, l-għaliex b'hekk tiġi assikurata ċ-ċelerità tal-ġudizzji, koltivata s-semplicità tagħhom, kif ukoll evitati kawżi ulterjuri; liema ekonomija ta' ġudizzji u spejjeż tiltaqa' bla ripunjanza fuq it-terren komuni legali tal-ġustizzja sostanzjali u tal-prattiċità ta' kulljum fil-ħajja progressiva moderna, li mhijiex aktar inklinata għall-formaliżmu żejjed u antikwat, sakemm il-liġi hija salvagwardata u l-ġustizzja moqdija;

Illi del resto, kif fuq intqal, il-ġurisprudenza lokali, qabel ma d-kurrent li kien miexi fl-arġini tiegħu naturali ġie devjat, kienet qegħdha ssostni t-teżi abbraċċjata minn din il-Qorti segwita anki minn xi ġurisprudenza moderna lokali, li abbraċċjatha, affermatha u aċċettatha (ara Prim' Awla Ċivili 8 ta' Lulju 1901 "Bonavia vs. Ross"; Appell 18 ta' Diċembru 1920 "Zahra vs Sciclùna"; Prim' Awla Ċivili 3 ta' Ottubru 1907 "Pace vs. Sciclúna nomine"; Prim' Awla Ċivili 30 ta' Novembru 1935 "Pulis vs. Ellul" (il-kwistjoni sollevata ġiet deċiża f'din il-kawża li l-meritu tagħha nqatà fit-30 ta' Novembru 1935, imma li dwar id-determinazzjoni tal-kjamata in kawża l-istess ġiet deċiża fit-2 ta' Mejju 1935, u ma ġietx pubblikata); Prim' Awla Ċivili 8 ta' Frar 1936 "Borg vs. Delia"; Appell Ċivili Inferjuri 23 ta' Novembru 1898 "Stepton vs. Spiteri"; Prim' Awla Ċivili 29 ta' Ottubru 1935 "Lloreri vs. Staines nomine"; Appell 7 ta' Diċembru 1937 "Mifsud vs. Zammit"; u deċiżjonijiet oħra);

Illi kwindi, fid-dawl ta' dan li ntqal, u di fronti għall-provi li ġew il-lum aċċertati, din il-Qorti hija tal-fehma li l-proprijetarju jew proprijetarji tal-fond sovrastanti għal għal dak tal-konvenut għandhom jiġu msejħa fil-kawża, l-għaliex il-konvenut oriġinarjament ċitat bla dubju għandu u kellu nteress fil-kawża mill-bidu, u l-proprijetarju jew proprijetarji sovrastanti jirriżulta li wkoll għandhom in-

teress mal-konvenut, l-għaliex huma legati miegħu mħabba f'kondominju neċessarju dwar il-ħajt mastru jew perimetrali tal-edizfiju jew fabbrikat in kwistjoni;

Illi l-kjamata fil-kawża, opposta mill-konvenut u mhux mitluba mill-attur nomine tista' tiġi, kif paċifikament huwa, ordnata mill-Qorti "ex officio";

Illi l-unika proprijetarja li tirriżulta mill-atti tal-kawża li tippossjedi in proprijetà il-bini sovrastanti għal dak tal-konvenut hija Publia armla ta' Antonio Busuttil, li din il-Qorti sejra tipprovdi li tiġi msejħa fil-kawża, salv li ssejjaħ kondomini oħra jekk hekk jirriżultalha aktar tard;

Għalhekk;

Prevja ċ-ċaħda tal-eċċezzjoni konvenuta, tordna lillatturi nomine, a spejjeż provviżorjament għalihom, li jikkjamaw in kawża lill-Publia armla ta' Antonio Busuttil, li toqgħod il-Furjana, salva r-riżerva li saret fuq dwar terzi oħra nteressati. L-ispejjeż, in vista' tad-diskordanza talġurisprudenza, jibqgħu bla taxxa, imma d-dritt tar-Reġistru jibqa' għall-konvenut, u dawk tal-kjamata in kawża bin-nofs bejn il-kontendenti.